FarmDemo

# GWIDA TA’ DISINN GĦAL DIMOSTRAZZJONIJIET FL-IRZIEZET



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 1 06/09/2022 15:22



# Introduzzjoni

Id-dimostrazzjonijiet fl-irziezet ilu jiġu organizzati għal mill-inqas żewġ sekli, oriġinarjament bħala mod kif il-bdiewa jiġu introdotti mal-innovazzjoni, iżda riċentament dawn saru wkoll sabiex jinqasmu l-esperjenzi f'ambjent ta' bdiewa bejniethom, u sabiex jingħata appoġġ lill-ko-kreazzjoni ta' għarfien bejn il-bdiewa u atturi oħrajn. Qiegħed isir dejjem iktar komuni li l-bdiewa stess qiegħdin jiftħu l-irziezet tagħhom biex jikkonnettjaw mal-pari tagħhom u mal-pubbliku ġenerali bħala parti minn strateġiji tal-iżvilupp tan-negozju (eż. ktajjen tal-provvista tal-ikel qosra, agrikoltura appoġġjata mill-komunità).

L-attivitajiet tad-dimostrazzjoni jistgħu jvarjaw minn avvenimenti "fuq il-post" ta' darba sa "monitoraġġ tal-irziezet" għal diversi snin fejn il-bdiewa, il-konsulenti u l-membri tal-industrija jingħaqdu flimkien f'intervalli regolari sabiex jivvalutaw l-opportunitajiet tal-biedja in situ, sa "irziezet ta' riċerka" permanenti fejn ir-riċerkaturi jittestjaw u jagħmlu dimostrazzjoni tat-teknoloġiji u l-approċċi innovattivi. Id-dimostrazzjonijiet fir-razzet għalhekk isegwu firxa wiesgħa ta' approċċi, huma ppjanati bil-ħsieb ta' għanijiet differenti, u huma mibdija u organizzati minn firxa wiesgħa ta' atturi. Minħabba din il-varjetà, m'hemmx approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" għal avveniment ta' dimostrazzjoni fl-irziezet ta' suċċess.

Din il-gwida toffri ħarsa ġenerali tal-iktar elementi importanti li għandhom jiġu kkunsidrati fir-rigward tat-tħejjija, it-twettiq u l-evalwazzjoni ta' dimostrazzjonijiet fl-irziezet. Hija tipproponi 6 passi sempliċi li għandhom jiġu segwiti meta jiġi ddisinjat avveniment ta' dimostrazzjoni fir-razzett, li jibda minn definizzjoni ċara tal-għanijiet u jispiċċa b'evalwazzjoni tajba u segwitu. Tul iċ-ċiklu kollu, din il-gwida toffri pariri u suġġerimenti konkreti u tipprovdi għodda speċifiċi sabiex tappoġġja d-disinn tal-avveniment tiegħek.

Verżjoni online hija disponibbli fuq:
**https://farmdemo.eu**

Din il-gwida hija riżultat ta' kollaborazzjoni soda bejn 3 proġetti ta' FarmDemo li rċevew finanzjament mill-programm ta' riċerka u innovazzjoni tal-Unjoni Ewropea Orizzont 2020 taħt il-ftehimiet ta' għoti N°727388 (PLAID), N°728061 (Agridemo-F2F), u N°772705 (NEFERTITI).



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 3 06/09/2022 15:22

# IDDISINJA L-AVVENIMENT TIEGĦEK TA' DIMOSTRAZZJONI FIR-RAZZETT F'6 PASSI

## 1
## Objettivi tad-dimostrazzjoni u gruppi fil-mira



- Iddikjara l-għanijiet b'mod ċar
- Immira l-udjenza tal-biedja tiegħek skont l-objettivi tiegħek
- Stieden atturi oħra biex iżżid l-impatt

- 7-

## 2
## Razzett ta' dimostrazzjoni



- Agħżel ir-razzett ospitanti skont l-objettivi tiegħek
- Agħżel bidwi ospitanti li jkun kredibbli u innovattiv
- Żgura aċċess permezz ta' lok u faċilitajiet tajbin

- 11 -

## 3
## Tfassil tad-dimostrazzjoni



- Ikkomponi tim ta' organizzazzjoni bbilanċjat skont l-objettivi tiegħek
- Ipprovdi biżżejjed ħin għal interazzjoni u networking
- Ikkunsidra kompromessi meta tagħżel ħin adattat
- Ikkumpensa lill-bdiewa ospitanti

- 13 -



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 4 06/09/2022 15:22

## 4
## Promozzjoni



- Iddikjara l-messaġġi ewlenin tiegħek skont l-objettivi tiegħek
- Adatta l-lingwaġġ skont l-udjenza fil-mira tiegħek
- Agħżel stedina ċara u attraenti
- Uża rotot ta' komunikazzjoni multipli

- 17-

## 5
## Metodi ta' tagħlim u faċilitazzjoni



- Orbot il-kontenut tat-tagħlim mal-prattika tal-biedja
- Involvi lill-parteċipanti fi skambju attiv ta' għarfien
- Uża varjetà ta' metodi ta' tagħlim
- Aqsam gruppi kbar fi gruppi iżgħar

- 20 -

## 6
## Evalwazzjoni u segwitu



- Evalwa jekk l-objettivi tiegħek intlaħqux
- Uża u implimenta r-riżultati tal-evalwazzjoni tiegħek
- Organizza attivitajiet ta' segwitu kemm għall-parteċipanti kif ukoll dawk li ma pparteċipawx

- 25 -



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 5 06/09/2022 15:22



# 1

# Objettivi tad-dimostrazzjoni u gruppi fil-mira

*"X'tixtieq tikseb bid-dimostrazzjoni?"*

Għal kwalunkwe avveniment ta' dimostrazzjoni huwa importanti li jiġi ddikjarat b'mod ċar l-objettiv(i) u l-messaġġi ewlenin ħafna żmien qabel. Dawn jiddeterminaw id-deċiżjonijiet kollha li se tagħmel waqt it-tħejjija u l-prestazzjoni tal-avveniment ta' dimostrazzjoni: kif tkun imwaqqfa, liema atturi tinvolvi, l-evalwazzjoni tal-effettività.

Ibda billi tindirizza l-"għaliex" (għaliex qiegħdin nagħmlu din id-dimostrazzjoni) u mbagħad il-"xiex" (x'nixtiequ nuru fid-dimostrazzjoni). Minn dan l-objettiv tad-dimostrazzjoni sussegwentement isegwi l-"min" (l-udjenza fil-mira għad-dimostrazzjoni) u l-"kif" (kif tkun imwaqqfa d-dimostrazzjoni u l-metodi ta' tagħlim).



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 7 06/09/2022 15:22



L-avvenimenti tad-dimostrazzjoni jistgħu jaġixxu bħala post fejn jiltaqgħu l-parteċipanti

**PARIR**

Ikkunsidra l-iżviluppi u l-isfidi agrikoli reġjonali biex tiġbed l-attenzjoni tal-bdiewa u żżid l-impatt tiegħek.

## GĦALIEX TRID TORGANIZZA L-AVVENIMENT TAD-DIMOSTRAZZJONI?

***Dan jispeċifika l-motivazzjoni u l-bżonn għad-dimostrazzjoni.***

Effetti fil-mira possibbli:

- ***Ko-kreazzjoni ta' għarfien.*** Tista' timmira li toħloq għarfien (ġdid), billi tipprofitta mill-ġabra ta' għarfien tal-parteċipanti li jattendu l-avvenimenti tad-dimostrazzjoni.
- ***Adozzjoni tal-innovazzjoni.*** Id-dimostrazzjonijiet jgħinu t-trasferiment ta' opportunitajiet ġodda, novitajiet u esperjenza prattika li jistgħu jintużaw direttament fuq l-irziezet. Dawn l-innovazzjonijiet jistgħu joħorġu minn riċerka, negozju (relatati mal-bejgħ ta' prodotti) jew bdiewa pijuniera u jagħtu lill-bdiewa l-kunfidenza biex jieħdu deċiżjoni fattwali dwar l-utilità tal-prattiki u l-innovazzjonijiet murija fid-dimostrazzjoni għar-razzett tagħhom stess.
- ***Soluzzjoni tal-problemi.*** Id-dimostrazzjonijiet huma pjattaforma utli biex jgħaqqdu l-estenzjoni mal-bżonnijiet tal-bdiewa lokali. Inti tista' turi fid-dimostrazzjoni soluzzjonijiet għall-problemi tal-bdiewa, pereżempju relatati mat-tnaqqis tax-xogħol tal-biedja jew kif tkabbar għelejjel fi klima li tinbidel, jew tista' tivvalida riċerka u innovazzjonijiet imwettqa taħt kundizzjonijiet lokali u tfassalhom skont il-bżonnijiet tal-bdiewa.
- ***Taħriġ.*** Id-dimostrazzjonijiet iservu bħala pjattaforma għat-titjib tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet, għalhekk jippermettu implimentazzjoni prattika tal-prattiċi innovattivi fuq ir-razzett.
- ***Ħolqien ta' sensibilizzazzjoni.*** Id-dimostrazzjonijiet jistgħu joħolqu sensibilizzazzjoni dwar suġġetti bħal pereżempju domandi soċjali. Barra minn hekk, is-suġġetti tas-sostenibbiltà spiss mhumiex indirizzati b'mod espliċitu iżda, ħafna drabi, huma parti mid-dimostrazzjoni biex tinħoloq sensibilizzazzjoni mal-parteċipanti.
- ***Netwerking.*** L-avvenimenti tad-dimostrazzjoni jistgħu jaġixxu bħala post fejn jiltaqgħu l-parteċipanti. Avvenimenti ta' dimostrazzjoni regolari (eż. kull sena) jistgħu jintużaw bħala avveniment ta' netwerk biex jiġbru lill-persuni kollha involuti fil-programm, netwerk jew proġett. Dawn jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ u l-iżvilupp tal-kollaborazzjoni u jagħtu spinta lil sħubija potenzjali għal soluzzjonijiet għal problemi kooperattivi, kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Barra minn hekk, l-aspett soċjali tan-netwerking, il-fatt li jkunu jistgħu jiltaqgħu ma' bdiewa oħra, huwa attraenti ħafna għal xi parteċipanti.
- ***Implimentazzjoni tar-riċerka.*** L-avvenimenti ta' dimostrazzjoni fir-razzett jistgħu jaġixxu bħala pjattaforma għat-trasferiment ta' għarfien ibbażat fuq riżultati ta' riċerka applikati għall-prattika agrikola. L-innovazzjonijiet u l-prattiċi jistħu jiġu ppruvati, ikkumparati jew validati f'kundizzjonijiet ta' razzett "reali".
- ***Implimentazzjoni tal-politika.*** Id-dimostrazzjonijiet huma opportunità biex il-bdiewa jiġu infurmati dwar leġiżlazzjoni u regolamenti ta' politika ġodda u biex jiġu pprovduti prattiċi u eżempji speċifiċi dwar kif jistgħu jimplimentawhom fuq l-irziezet tagħhom.



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 8 06/09/2022 15:22

## X'TIXTIEQ TURI FID-DIMOSTRAZZJONI?

Is-suġġetti tad-dimostrazzjoni jistgħu jkunu differenti ħafna, bħal pereżempju d-dimostrazzjoni ta' prodott, magna, proċess, maniġment jew kummerċjalizzazzjoni.

Il-karatteristiċi tas-suġġett muri fid-dimostrazzjoni jinfluwenzaw kif titwaqqaf id-dimostrazzjoni u liema gruppi fil-mira jistgħu jintlaħqu potenzjalment. Hija innovazzjoni li ħadd ma jaf biha fil-komunità tal-biedja mingħajr ebda eżempji ta' implimentazzjoni fil-ħajja reali? Hija diġà implimentata minn minoranza ta' bdiewa? Hija prattika mifruxa li tista' tiġi ottimizzata u rfinuta mill-bdiewa?

Spiss, is-sempliċità ta' avveniment ta' dimostrazzjoni tagħmlu ħafna iktar effettiv. Għalhekk nagħtuk parir li tillimita n-numru ta' suġġetti indirizzati matul avveniment wieħed. Jekk trid tindirizza suġġetti multipli, tista' tikkunsidra li torganizza serje ta' avvenimenti ta' dimostrazzjoni jew tiżgura li jkun hemm biżżejjed ħin ippjanat għal kull suġġett individwali.



L-għażla tas-suġġett jista' jsir minn fuq għal isfel mill-organizzaturi, mir-rappreżentanti tal-bdiewa, jew mill-proġett li fih tkun integrata d-dimostrazzjoni, kif ukoll minn isfel għal fuq permezz ta' involviment tal-bdiewa, jew minn parteċipanti fuq avveniment ta' dimostrazzjoni preċedenti meta dan jinvolvi serje ta' avvenimenti ta' dimostrazzjoni. Fi kwalunkwe każ, kunsiderazzjoni jew diskussjoni fil-fond minn qabel hija neċessarja biex jiġi magħżul suġġett interessanti, ta' spirazzjoni u rilevanti.



**Serje ta' dimostrazzjonijiet vs dimostrazzjoni ta' darba**

Għażla importanti fid-deċiżjoni dwar it-twaqqif ta' dimostrazzjoni tiddependi fuq jekk hix se tkun dimostrazzjoni ta' darba, serje ta' dimostrazzjonijiet fuq l-istess suġġett, jew avveniment li jiġi ripetut (ta' netwerk) organizzat mill-istess organizzaturi.

Serje ta' dimostrazzjonijiet spiss jissemmew bħala iktar effettivi għax:

- Il-parteċipanti jsiru jafu u jafdaw lil xulxin (isibuha inqas bi tqila biex jaqsmu informazzjoni bejniethom).
- Id-dimostrazzjonijiet jistgħu jindirizzaw diversi passi fil-proċess ta' adozzjoni (effetti iktar fil-mira).
- Dan jippermetti l-evoluzzjoni maż-żmien, l-istaġjonalità.
- Tista' tilħaq ħafna iktar bdiewa u diversi tipi ta' partijiet interessati.
- Id-dimostrazzjonijiet jistgħu jiddependu fuq ir-reputazzjoni tajba tad-dimostrazzjonijiet preċedenti.
- L-organizzazzjoni u l-mod ta' kif jiġu mwaqqfa jistgħu jiġu mtejba/imsaħħa.



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 9 06/09/2022 15:22

## MIN GĦANDEK FIL-MIRA?

L-għażla tal-grupp(i) fil-mira tiddependi fuq dak li tixtieq tikseb bid-dimostrazzjoni. Pereżempju, jekk ikun mistenni skambju ta' għarfien jew ko-kreazzjoni ta' għarfien intensivi fuq suġġett speċifiki ħafna, tista' tagħżel li timmira lejn grupp żgħir ta' bdiewa li "jitkellmu lingwaġġ simili" biex tiżgura interazzjonijiet kwalitattivi u intensi. L-identifikazzjoni ta' gruppi fil-mira speċifiċi se tiddetermina liema kanali ta' informazzjoni għandhom jintużaw biex dawn jintlaħqu.

Il-grupp fil-mira jista' jiġi speċifikat fir-rigward ta':

- Setturi speċifiċi (eż. bdiewa tal-prodotti tal-ħalib, produtturi ta' pitravi taz-zokkor).
- Reġjun speċifiku (eż. provinċja speċifika, madwar in-nazzjon, jew internazzjonali).
- L-esperjenza tagħhom b'teknika speċifika, eż. novizz jew espert. Skont l-għan, l-organizzaturi jistgħu jagħżlu bdiewa esperjenzati biss (eż. għal titjib ta' prattika jew innovazzjoni) jew il-kombinament tat-tnejn (meta trid skambju). Bdiewa "esperti" jistgħu jgħinu biex jibdew diskussjonijiet matul l-avveniment tad-dimostrazzjoni u jinkoraġixxu lil xulxin biex jagħmlu mistoqsijiet.
- "Tipi" ta' bdiewa speċifiċi (eż. bdiewa "innovattivi" għal suġġetti li jeħtieġu żvilupp ulterjuri, bdiewa "medji" għal suġġetti ta' dimostrazzjoni lesti biex jintużaw, bdiewa żgħażagħ jew parteċipanti ġodda).
- Ġeneru, l-iżgurar li r-rappreżentanti rilevanti kollha tar-razzett jipparteċipaw u jħossuhom milqugħin.

Spiss, iżda skont x'tixtieq tikseb, ikun ta' benefiċċju li tistieden atturi oħra biex jikkontribwixxu għall-impatt tal-avveniment tad-dimostrazzjoni fuq terminu itwal:

- Il-konsulenti tar-razzett jistgħu jaġixxu bħala "multiplikaturi" potenzjali tal-messaġġi ewlenin tad-dimostrazzjoni. Dawn jistgħu jxerrdu u jżidu l-kontenut tad-dimostrazzjoni lil bdiewa li ma jipparteċipawx u jistgħu jibnu konnessjoni għal bdiewa li japplikaw prattika jew innovazzjoni ma' dawk li huma interessati.
- L-istampa agrikola li tista' tikkomunika s-suġġett muri lil udjenza iktar wiesgħa.
- Atturi mill-katina agroalimentari (eż. fornituri, proċessuri tal-ikel, konsumaturi …) huma msieħba importanti f'soluzzjonijiet kooperattivi u l-preżenza tagħhom tista' ssaħħaħ ir-rabtiet bejn il-produtturi u s-swieq. Dawn jistgħu jikkontribwixxu permezz ta' data u esperjenza minn oqsma oħrajn.
- Dawk li jfasslu l-politika jistgħu joħolqu sensibilizzazzjoni dwar l-ostakli u l-inċentivi tal-politika li jistgħu jżidu l-ankraġġ u iskalar tal-kontenut tad-dimostrazzjoni minn naħa waħda, iżda wkoll jitgħallmu huma wkoll dwar il-problemi prattiċi jew l-ostakli li jiffaċċjaw il-bdiewa sabiex itejbu r-regolamentazzjoni tal-politika. Min-naħa l-oħra, il-bdiewa spiss isibuha bi tqila biex jipparteċipaw u jaqsmu l-esperjenzi tagħhom fi grupp fejn ikun hemm awtoritajiet preżenti fil-grupp.
- L-istudenti u l-għalliema (agrikoli) jistgħu jdaħħlu innovazzjonijiet tar-riċerka, jistgħu jistaqsu lill-bdiewa rigward il-metodu tal-produzzjoni tagħhom filwaqt li jitgħallmu dwar il-prattiċi tal-biedja. Huma jistgħu jgħinu sabiex jitwettaq monitoraġġ u evalwazzjoni, jitgħallmu mill-koorganizzazzjoni u jipprovdu għajnuna addizzjonali tajba.

### PARIR

Il-preżenza ta' bdiewa ospitanti rġiel u nisa tinkoraġixxi l-parteċipazzjoni ta' parteċipanti kemm irġiel kif ukoll nisa.





01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 10 06/09/2022 15:22



# 2

## Razzett ta' dimostrazzjoni

L-avvenimenti tad-dimostrazzjoni jistgħu jiġu ospitati fuq tipi ta' siti differenti, li jvarjaw bejn irziezet li jappartjenu lil bdiewa sa għelieqi li huma proprjetà pubblika mikrija minn universitajiet, ċentri tar-riċerka jew siti ta' estenzjoni. Hemm xi kriterji biex jintgħażel sit ospitanti tajjeb għad-dimostrazzjoni.



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 11 06/09/2022 15:22

*"Il-bdiewa jistgħu jidentifikaw mar-razzett ospitanti?"*

Dimostrazzjoni jista' jkollha impatt ikbar meta r-razzett ospitanti jaħdem taħt l-istess kundizzjonijiet tal-"ħajja reali" bħal irziezet medji. Min-naħa l-oħra, pereżempju, il-bdiewa pijuniera jistgħu juru tekniki innovattivi u iktar sperimentali.

*"L-ospitant huwa 'bidwi tajjeb', rikonoxxut bħala kredibbli u 'għaref' kif ukoll innovattiv u produttiv?"*

Il-perċezzjoni tal-pubbliku tal-ospitant ukoll għandha rwol fuq kemm ikun attraenti l-avveniment għall-parteċipanti potenzjali. Li tagħżel xi ħadd li diġà tafu jew razzett maħtur minn organizzazzjonijiet għal ħafna snin, li matulhom ġew ittestjati provi fuq ir-razzett, tista' tkun għażla "mingħajr riskji" peress li l-avvenimenti ta' dimostrazzjoni spiss jeħtieġu sforzi kbar mill-ospitanti biex jippreparaw ir-razzett tagħhom għall-viżitaturi. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkunsidrat li mhux dejjem jintużaw l-għażliet tas-soltu.

*"Ir-razzett ospitanti huwa adattat għall-avveniment ta' dimostrazzjoni, meta jitqies is-suġġett, il-post u l-attivitajiet ippjanati?"*

Għandek tiċċekkja jekk l-attivitajiet, il-prattiċi u l-faċilitajiet tar-razzett tal-bidwi ospitanti jikkoinċidux mal-għan tad-dimostrazzjoni u n-numru ta' parteċipanti mistennija. Il-ħin ta' vvjaġġar jista' jkun kriterju importanti, madankollu l-parteċipanti lesti li jivvjaġġaw iktar 'il bogħod għal dimostrazzjonijiet rigward tekniki innovattivi li mhumiex komuni fir-reġjun tagħhom.

L-għażla ta' post ospitanti tinfluwenza l-aċċessibbiltà tad-dimostrazzjoni:

- Ġeografiku (post, ħin tal-ivvjaġġar, aċċess tajjeb u faċli għall-udjenza fil-mira)
- Soċjali (faċilitajiet, konfort u sigurtà għall-viżitaturi)



## PARIRI

Iċċekkja l-inventarju madwar l-UE ta' rziezet ta' dimostrazzjoni fuq il-hub ta' FarmDemo: https://farmdemo.eu

Kollaborazzjoni bejn il-kumpaniji kummerċjali u l-irziezet tista' tkun ta' benefiċċju: din tippermetti lill-parteċipanti jaraw l-iktar innovazzjonijiet ġodda fuq razzett li jaħdem ta' vera.

Razzett "atipiku" jista' jipprovdi ispirazzjoni u jżid riflessjoni fuq prattiki kurrenti.

Biex tolqot grupp iktar wiesa' ta' parteċipanti, tista' torganizza l-istess dimostrazzjoni f'postijiet differenti fir-reġjun/pajjiż tiegħek u fuq tipi ta' rziezet differenti.

Żid l-aċċessibbiltà ta' rziezet ospitanti iktar remoti billi torganizza trasport għal gruppi.

Ipprovdi faċilitajiet ta' trasportazzjoni biex iżżur siti multipli.



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 12 06/09/2022 15:22



# 3

# Tfassil tad-dimostrazzjoni



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 13 06/09/2022 15:22

## TIM TA' ORGANIZZAZZJONI

*"Liema tip ta' msieħba (bħal bdiewa, organizzazzjonijiet ta' bdiewa, konsulenti, negozji agrikoli) se jkunu involuti fl-organizzazzjoni ta' dimostrazzjoni sabiex din tirnexxi fil-kisba tal-objettiv(i) tad-dimostrazzjoni?"*

Il-kollaborazzjoni bejn diversi atturi tista' tkun diffiċli minħabba l-isfondi professjonali, il-ħiliet, il-bażijiet tal-għarfien, il-prijoritajiet, ir-rutini tax-xogħol, u l-motivazzjonijiet differenti tagħhom. Biex tgħin sabiex dan il-kompitu jirnexxi, importanti li jkun hemm qbil rigward objettivi, kontenut u diviżjoni tax-xogħol.

L-AKIS reġjonali (ara l-kaxxa) tista' tiddefinixxi l-kuntest li fih jiġu organizzati l-avvenimenti ta' dimostrazzjoni. Kollaborazzjoni tajba u netwerks eżistenti minn qabel ta' atturi tal-AKIS reġjonali jistgħu jagħmluha iktar faċli li tiġi organizzata jew li tinħoloq strateġija għal dimostrazzjonijiet, jiġi aġġustat is-suġġett għar-reġjun speċifiku u jittieħed benefiċċju mill-kapital u n-netwerks soċjali disponibbli sabiex jinsabu l-profili u l-kompetenzi t-tajbin biex tiġi organizzata d-dimostrazzjoni. Is-suċċess ta' dimostrazzjoni spiss hija relatata wkoll ma' kif it-tim ta' organizzazzjoni huwa meqjus mill-komunità lokali. It-timijiet ta' organizzazzjoni għalhekk jistgħu jibbenefikaw minn kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet lokali rispettati li għandhom ħafna kuntatt ma' bdiewa.

Il-kollaborazzjoni ma' msieħba kummerċjali tista' twassal sabiex jitwettqu avvenimenti ta' dimostrazzjoni effettivi ħafna f'termini ta' għarfien u provvista ta' informazzjoni. Madankollu, ftehimiet sodi ma' kumpaniji kummerċjali, qabel l-avveniment tad-dimostrazzjoni, huma meħtieġa sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jqisu l-avveniment bħala reklam sabiex isir bejgħ.

Dan jista' jiġi evitat billi tiġi involuta iktar minn kumpanija kummerċjali waħda preżenti jew jiġu mistiedna partijiet "newtrali" bħal servizzi ta' konsulenza mhux kummerċjali jew riċerkaturi flimkien mal-kumpanija kummerċjali.

### Rwoli fit-tim ta' organizzazzjoni

Definizzjoni ċara tar-rwoli u persunal suffiċjenti (kemm fil-ħila esperta kif ukoll fin-numru) tista' tappoġġja t-tħejjija u l-istruttura tal-avveniment ta' dimostrazzjoni. Erba' rwoli importanti għandhom jiġu sodisfatti matul avveniment ta' dimostrazzjoni:

- il-bidwi ospitanti
- id-dimostratur,
- il-maniġer/koordinatur tal-loġisitika
- il-faċilitatur

### PARIRI

Involvi lill-familja tal-bidwi ospitanti kmieni fl-organizzazzjoni tad-dimostrazzjoni.

Stieden organizzazzjonijiet multipli jaqsmu l-objettiv(i) tiegħek biex jintlaħqu grupp(i) fil-mira.

Involvi awtoritajiet regolattivi b'mod sensibbli: approprjati (eż. kjarifika ta' informazzjoni/dimostrazzjoni ta' konformità) jistgħu jattiraw bdiewa, mhux approprjati se jimbuttaw lil bdiewa.

Faċilitatur huwa utli f'ħafna każijiet. Il-faċilitatur jista' jittratta diskussjoni u jaġixxi bħala parti terza newtrali.

### L-AKIS

Is-Sistema ta' Innovazzjoni u Għarfien Agrikolu (AKIS) reġjonali jinvolvi is-sistema kollha ta' skambju ta' għarfien agrikolu fir-reġjun u huwa definit bil-mod li l-persuni u l-organizzazzjonijiet bħal servizzi ta' konsulenza, riċerkaturi, organizzazzjonijiet ta' politika u ta' bdiewa jinteraġixxu u jaħdmu flimkien.



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 14 06/09/2022 15:22

## PROGRAMM BILANĊJAT

Il-ħin disponibbli għad-dimostrazzjoni huwa d-determinazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-kontenut ta' dimostrazzjoni u l-metodi ta' tagħlim li għandhom jintużaw. Il-ħin disponibbli jista' jvarja bejn siegħa sa nofs ġurnata, sa ġurnata sħiħa jew saħansitra anke ġranet multipli. Ftakar biex tipprovdi biżżejjed ħin għal diskussjoni u mistoqsijiet, iżda wkol għan-netwerking u l-interazzjoni soċjali.

Programm tajjeb tal-avveniment tad-dimostrazzjoni jipprovdi biżżejjed varjazzjoni. Dan għandu mill-inqas jinvolvi:

- Merħba/introduzzjoni, preferibbilment flimkien mal-bidwi ospitanti.
- Dimostrazzjoni attwali tal-innovazzjoni (ikkombinata ma' preżentazzjoni jew le).
- Diskussjoni faċilitata jew Mistoqsijiet u Tweġibiet interattivi.
- Evalwazzjoni tad-dimostrazzjoni mill-parteċipanti
- Għeluq uffiċjali tal-avveniment b'konklużjonijiet ċari u mesaġġi li jitgħallmu.
- Ħin għal taħditiet informali, diskussjonijiet u networking (ipprovdi ikel u xorb! - ara wkoll metodi ta' tagħlim u faċilitazzjoni għal avvenimenti ta' dimostrazzjoni).
- Evalwazzjoni tal-feedback tal-avveniment.

### PARIRI

Merħba mill-bdiewa ospitanti hija apprezzata ħafna.

Ipprovdi tur madwarir-razzett.

## AGĦŻEL ĦIN ADATTAT

Il-ħin tad-dimostrazzjoni huwa fattur ewlieni sabiex tiġi żgurata attendenza tajba fid-dimostrazzjoni. Għalkemm ma tistax dejjem tippjana dan b'mod preċiż (eż. meta aċċidentalment tkun l-ewwel ġimgħa sħuna tal-istaġun), tista' tagħmel stima fuq il-perjodi li fihom il-bdiewa jkollhom inqas xogħol x'isir fir-razzett. Ikkunsidra l-ħin matul il-jum (eż. is-sigħat ta' ħlib) u/jew il-ġimgħa (eż. ġranet tal-iskola).

Spiss, li tagħżel il-ħin it-tajjeb se jinvolvi kompromess bejn aspetti multipli. Pereżempju, perjodu li fih ikun hemm ħafna x'tara fl-għalqa, spiss ikun ukoll perjodu fejn ikun hemm ħafna xogħol x'isir fir-razzett.

### PARIRI

Agħżel data fissa għal dimostrazzjonijiet rikorrenti (eż. l-aħħar weekend ta' Settembru, kull 6 xhur biex tintwera l-varjazzjoni staġjonali, ...).

Ikkunsidra avvenimenti oħrajn.

## FAĊILITAJIET U TAGĦMIR

Li jħossuhom milqugħin u li jiġu ttrattati sew iżid mal-effettività tad-dimostrazzjoni. Kun żgur li jkun hemm faċilitajiet adattati, aċċess tajjeb, tojlits, parkeġġ, ambjent nadif u mħejji sew eċċ.

### LISTA TA' ĊĊEKKJAR:

- Tagħmir tal-awdjo u viżiv ċar
- Miżuri ta' (bijo)sigurtà
- Tojlits
- Biex iżżid l-aċċessibbiltà, fejn ikun possibbli pprovdi aċċess għas-siġġu birroti
- Ipprovdi sinjali fit-toroq, strixxuni, parkeġġ
- Ipprovdi żoni fid-dell jew kennija, f'antiċipazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-temp
- Inkludi logos u strixxuni tal-isponsors, jekk applikabbli
- Aħseb għall-ikel u x-xorb!



## BAĠIT

*“Min għandu jiffinanzja l-avveniment tad-dimostrazzjoni?”*

*“Il-parteċipanti se jkollhom iħallsu miżata tal-attendenza?”*

*“Il-baġit se jinfluwenza t-twaqqif u n-numru ta’ parteċipanti?”*

Il-baġit għandu jkopri l-ispejjeż kollha bħal inputs, spejjeż ta’ trasportazzjoni, spejjeż ta’ organizzazzjoni u spejjeż ta’ pubbliċità. Barra minn hekk, kun żgur li tikkumpensa lill-bidwi għal kwalunkwe telf fil-ħsad kif ukoll għall-ħin iddedikat (inkuż il-ħin tat-tħejjija).

Il-baġit disponibbli jikkorrelata mal-imsieħba ta’ finanzjament fit-tim ta’ organizzazzjoni u jista’ jkollu impatt kbir fuq it-twaqqif u d-daqs tad-dimostrazzjoni u jista’ jiddefinixxi xi deċiżjonijiet, eż. rigward id-daqs tal-grupp fil-mira, jekk il-parteċipanti għandhomx iħallsu miżata tad-dħul, jew id-dimostraturi li huma mistiedna. Madankollu, ir-riżorsi limitati m’għandhomx neċessarjament ikollhom impatt fuq l-effettività tad-dimostrazzjoni. Metodi li jiswew inqas flus jistgħu jkunu effettivi daqs metodi li jiswew iktar iżda jistgħu jkunu jeħtieġu approċċ iktar konsiderat matul il-fażi tal-ippjanar tad-dimostrozzjoni.

Għal avvenimenti iktar kbar, għajnuna addizzjonali (eż. fil-forma ta’ riżorsi umani jew materjali) tista’ tkun koperta minn sponsorizzazzjoni, possibilment minn organizzazzjonijiet alleati.

## REĠISTRAZZJONI

Din tippermettilek tikkunttattja lill-parteċipanti faċilment wara għal segwitu u evalwazzjoni, u tippermetti organizzazzjoni tajba għan-numru stmat ta’ parteċipanti. Ir-reġistrazzjoni għall-avveniment ta’ dimostrazzjoni għandha tkun faċli u fluwida.

### PARIRI

Irreġistra lill-parteċipanti qabel l-avveniment: biex issir taf l-udjenza tiegħek u tibgħat materjal interessanti qabel l-avveniment.

Ipprovdi lista ta’ kuntatti tal-parteċipanti.





01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 16 06/09/2022 15:22



# 4

# Promozzjoni



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 17 06/09/2022 15:22

## STEDINA ĊARA ADATTATA GĦALL-GRUPPI FIL-MIRA

*"Liema nies isiru jafu dwar l-organizzazzjoni tad-dimostrazzjoni?"*

Reklutaġġ effettiv għandu influwenza fuq ir-rata ta' attendenza tad-dimostrazzjoni.

### PARIR

Fejn xieraq, ibgħat stedina lill-familja kollha.



Huwa essenzjali li l-istedina tiġi adattata għall-grupp fil-mira. Kun żgur li tadatta l-lingwa (il-lingwaġġ) skont l-udjenza fil-mira.

Hemm xi mistoqsijiet li għandhom jiġu kkunsidrati meta tiddisinja stedina:
(ara https://thefloorisyours.be/en/pitchinghandson/)

**Min hi l-udjenza fil-mira tiegħek?**

- Kull udjenza fil-mira għandha grupp uniku ta' aspettattivi u problemi. Jekk ikun possibbli, iffoka fuq udjenza fil-mira unika waħda kull darba.
- Speċifika l-grupp fil-mira tiegħek fl-istedina (eż. bdiewa organiċi biss, jew kemm bdiewa organiċi kif ukoll dawk mhux organiċi). Dan jista' jiżgura li inti tattira bdiewa b'interess speċifiku.

**X'inhu l-messaġġ ewlieni tiegħek?**
**X'inhi s-sejħa għal azzjoni tiegħek?**

- Iddikjara b'mod ċar li hija stedina biex wieħed jipparteċipa fl-avveniment ta' dimostrazzjoni.
- Agħżel isem tajjeb għall-avveniment tad-dimostrazzjoni li jirrifletti wkoll il-messaġġ ewlieni.

**X'inhi l-problema li qiegħda tiffaċċja l-udjenza fil-mira tiegħek u kif se ssolviha?**

- Semmi b'mod ċar l-għanijiet u l-objettivi tad-dimostrazzjoni, għax dan jikkontribwixxi għall-effettività tad-dimostrazzjoni.
- Jekk għandek dimostraturi infurmati, faċilitaturi speċjalizzati jew bdiewa ospitanti, semmi dan b'mod ċar fuq l-istedina tiegħek peress li dawn jistgħu jattiraw bdiewa.

**X'vantaġġ se tieħu minn dan l-udjenza fil-mira tiegħek?**

- Speċifika x'se jkun il-valur miżjud għall-parteċipanti tad-dimostrazzjoni.

### PARIRI

Ikkomunika dwar l-organizzaturi kollha fuq l-istedina.

Semmi l-miżata għall-ammissjoni, jekk applikabbli.

Agħmel l-istedina attraenti viżwalment, u fittex il-bilanċ ġust fl-informazzjoni. Tista' tuża software bħal www.lucidpress.com/pages/examples/online-invitation-maker u https://spark.adobe.com/make/invitation-maker

Żid il-viżibbiltà ta' serje ta' avvenimenti ta' dimostrazzjoni billi tuża mudell fiss. Dan il-"branding" għandu mbagħad jiġi rifless ukoll fl-isem tal-avveniment. Dan jgħin fir-rikonoxximent tal-avveniment tad-dimostrazzjoni, u meta jkunu żviluppaw reputazzjoni tajba, ikollhom ħafna iktar suċċess biex jattiraw parteċipanti.

Agħmel l-istedina ċara u appellanti. Tidħolx wisq fid-dettal, tużax ħafna fonts differenti. Ritratt amikevoli li jesprimi merħba ta' razzett/bidwi jista' jkun idea tajba.



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 18 06/09/2022 15:22



## UŻA R-ROTOT TA' KOMUNIKAZZJONI T-TAJBIN

Jistgħu jintużaw rotot ta' komunikazzjoni multipli għar-reklutaġġ tal-parteċipanti. L-istediniet jistgħu jinfirxu permezz ta' flyers, ittri, emails, posters, artikli fil-gazzetti, siti web, midja soċjali, bil-kliem jew promozzjonijiet fuq ir-radju u televiżjoni. Biex jifrex l-istedina, wieħed jista' juża laqgħat, kuntatti personali, netwerks jew listi postali tiegħu stess, netwerks ta' organizzazzjonijiet oħra (eż. unions tal-bdiewa, netwerks ta' konsulenti), tħabbiriet fl-iskejjel.

### PARIRI

Ibgħat stediniet personali.

Uża kombinament gradwali ta' rotot ta' komunikazzjoni tul iż-żmien.

Ikkunsidra min se jifrex l-istedina.

Agħmel sforz speċjali għal bdiewa li diffiċli jiċċaqilqu!

## INTERAZZJONI MAL-PARTEĊIPANTI QABEL ID-DIMOSTRAZZJONI

Tista' diġà torganizza xi tip ta' interazzjoni mal-parteċipanti mistennija:

- Informazzjoni addizzjonali dwar ir-razzett ospitenti, il-kontenut tad-dimostrazzjoni, il-provi fuq il-post, ...
- Itlob lill-parteċipanti jimlew formola ta' reġistrazzjoni online (eż. interessi speċifiċi).
- Itlob lill-parteċipanti jħejju xi mistoqsijiet riflettivi.

Offri inċentivi żejda biex jiġu l-bdiewa.

- Kampjuni tal-ittestjar
- Analiżi tal-ħamrija mingħajr ħlas
- Kampjunat nazzjonali f'dixxiplina agrikola
- Ikel u xorb
- Spettaklu
- Festin
- Premji x'jintrebħu






01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 19 06/09/2022 15:23

# 5

## Metodi ta' tagħlim u faċilitazzjoni



Jistgħu jintużaw varjetà ta' metodi ta' tagħlim biex jiġi trasferit u skambjat għarfien u biex jiġu żviluppati ħiliet. Importanti li tirrealizza li ma jeżistix metodu tajjeb uniku, iżda li l-għażla attwali tiddependi fuq diversi fatturi, bħal pereżempju id-daqs u l-kompożizzjoni tal-grupp. L-avveniment tad-dimostrazzjoni għandu jkun fih ukoll kombinament ta' attivitament ikkunsidrati sew u bbilanċjati sew, sabiex jappoġġjaw kundizzjonijiet ta' tagħlim tajbin.



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 20 06/09/2022 15:23

## ID-DAQS U L-KOMPOŻIZZJONI TAL-GRUPP

Id-deċiżjoni dwar id-daqs tal-grupp tiddependi fuq l-objettiv(i) tad-dimostrazzjoni u għandha impatt ewlieni fuq il-format tal-avveniment tad-dimostrazzjoni tiegħek.

- Gruppi iżgħar (8-15-il parteċipant):
  - Iktar effettivi għal skambju ta' għarfien, riflessjoni u tagħlim iktar fil-fond bejn il-pari
  - Iktar faċli biex jiġi ġestit
  - Gruppi żgħar magħluqin li jiltaqgħu regolarment bnew fiduċja, li possibilment tippermetti diskussjonijiet effettivi.
- Gruppi ikbar:
  - Meta l-objettiv huwa li tinħoloq sensibilizzazzjoni u trasferiment wiesa' ta' għarfien
  - Jgħinu sabiex jattiraw sponsors u kumpaniji li jfornu lill-irziezet
  - Jeħtieġu awdjo u viżwali tajbin

Gruppi iktar omoġenji jidhru li huma "ppreparati jaqsmu" u jafdaw parteċipanti oħra, filwaqt li gruppi magħmulin minn tipi differenti ta' atturi jistgħu jkunu benefiċjali biex jinbdew diskussjonijiet u netwerking, billi jħarsu lejn l-istess problema flimkien minn angoli differenti. Dan, ovvjament, huwa element importanti fir-rigward tar-reklutaġġ.

Barra minn hekk, l-estent tal-familjarità bejn il-parteċipanti jista' jkollu impatt kbir fuq id-dinamika tal-grupp, u jista' jinfluwenza l-adegwatezza ta' xi metodi ta' tagħlim fuq oħrajn. Ikollok bżonn ta' metodi ta' faċilitazzjoni iktar organizzati biex tibda netwerking, kondiviżjoni u diskussjonijiet għal gruppi li ma jafux lil xulxin. Faċilitatur b'ħila esperta u amikevoli jista' joħloq atmosfera sabiħa u tilqgħek u ambjent li jagħmilha faċli għall-bdiewa jitkellmu liberament u joħolqu diskussjoni tajba.

**PARIR**

Aqsam gruppi kbar fi gruppi iżgħar biex iżżid il-parteċipazzjoni attiva u d-diskussjoni.



Dan il-vidjow dwar kif wieħed irabbi l-bhejjem tal-irziezet mingħajr stress juri kif il-bidwi ospitanti juża kundizzjonijiet tal-biedja reali biex jispjega t-teknika, pjuttosti milli pereżempju juża preżentazzjoni ppt. **www.youtube.com/watch?v=_vAcn7W-lOcE&feature=youtu.be**

## L-GĦAŻLA TA' METODI TA' TAGĦLIM XIERQA

Hemm 3 prinċipji bażiċi:
1 | Orbot il-kontentut tat-tagħlim mal-prattika tal-biedja
2 | Involvi lill-parteċipanti fi skambju attiv ta' għarfien
3 | Uża varjetà ta' metodi ta' tagħlim

### 1 | Orbot il-kontenut tat-tagħlim mal-prattika tal-biedja

***Oqgħod attent għall-kuntest iktar wiesa'***. Indirizza l-impatt tal-prattika murija jew innovazzjoni fuq ir-razzett kollu, u ddiskuti wkoll il-kuntest ikar wiesa' (eż. soċjetali, ekonomiku, politiku). Billi tipprovdi din l-informazzjoni addizzjonali l-parteċipanti jistgħu jagħmlu deċiżjonijiet infurmati dwar jekk jadottawx prattika jew innovazzjoni jew le.

***Uża r-razzett ospitanti, u l-esperjenza tal-bidwi ospitanti.*** L-opportunità li jżuru razzett ieħor spiss hija waħda mill-motivazzjonijiet ewlenin tal-bdiewa biex jattendu d-dimostrazzjoni, għalhekk importanti li tgħaqqad il-kontenut tad-dimostrazzjoni ma' kundizzjonijiet attwali tal-ġestjoni tar-razzett fir-razzett ospitanti u tipprovdi eżempji prattiċi daqs kemm ikun possibbli. Dan ifisser ukoll li toqgħod attent għal problemi, fallimenti, żbalji jew effetti sekondarji negattivi ta' prattika. Dawn il-problemi spiss jirriflettu l-ostakli għall-adozzjoni ta' prattiki. Għalhekk, meta jiġu indirizzati u jiġi spjegat kif jistgħu jiġu ttrattati, dawn jistgħu jikkontribwixxu għall-adozzjoni ta' prattiki u innovazzjonijiet mill-parteċipanti.



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 21 06/09/2022 15:23

## 2 | Involvi lill-parteċipanti fi skambju attiv ta' għarfien

***Offri opportunitajiet għal skambju ta' għarfien bejn il-pari.*** Tista' żżid il-parteċipazzjoni fi preżentazzjonijiet u dimostrazzjonijiet, eż. billi tagħti lill-parteċipanti b'mod attiv l-opportunità li jaqsmu l-esperjenzi tagħhom mal-udjenza, billi torganizza diskussjonijiet ma' numri iżgħar ta' parteċipanti, jew billi torganizza workshops li fihom jiġi stimulat skambju ta' għarfien attiv. Oħloq opportunitajiet għal skambju ta' għarfien iktar informali, billi tipprovdi biżżejjed ħin għall-bdiewa biex jgħidu kelma ma' xulxin, pereżempju waqt li jkunu qiegħdin jieklu, jixorbu jew waqt il-workshops.

### PARIR

#### TISIEX L-IKEL U X-XORB

Kolazzjon jew ikla li matulhom isiru diskorsi introduttorji.

Ikel u xorb wara l-"parti formali", sabiex in-nies ikunu jistgħu jiddiskutu x'raw u x'għamlu.

Ipprovdi ikel magħmul bl-idejn, preferibbilment billi tuża ingredjenti mir-razzett ospitanti.

Ipprovdi ikel minn sorsi lokali li huma ko-organizzaturi jew sponsors.

Ipprovdi ikel u xorb ħfief u xi snacks bħala waqfa qasira bejniethom.

***Offri firxa wiesgħa ta' esperjenzi u fittex modi kif tista' tissorprendi lill-parteċipanti.*** Inkludi firxa ta' attivitajiet diversi. Eżempji jistgħu jkunu passiġġati fl-għelieqi, l-osservazzjoni ta' dimostrazzjonijiet prattiċi mwettqa minn dimostratur, u li tħalli lill-parteċipanti jwettqu attivitajiet b'mod prattiku. Tali attivitajiet prattiċi jtejbu t-tagħlim u l-fehim, kif ukoll l-interazzjoni bejn il-parteċipanti. Billi żżid effett sorpriża mal-attivitajiet tad-dimostrazzjoni, il-parteċipanti iktar probabbli li jiftakru l-informazzjoni għal iktar żmien. Dan l-effett sorpriża jista' jiġi ġġenerat b'modi differenti, pereżempju, permezz ta' tekniki tajbin ta' rakkuntar ta' stejjer, l-użu ta' attività oriġinali li tinvolvi lill-parteċipanti, jew billi tiżvela prodott/innovazzjoni matul l-avveniment tad-dimostrazzjoni.



*Figura 1.* Stampi tat-test Ħamrija mal-Qalziet, bħala eżempju ta' test sorprendenti u sempliċi għas-saħħa tajba tal-ħamrija. (sorsi: https://cereals-blog.ahdb.org.uk/when-i-soiled-my-undies/ (xellug); ILVO (lemin))

Dan il-vidjow juri t-test "Ħamrija mal-Qalziet", bħala metodu sorprendenti u sempliċi kif tiġi ttestjata s-saħħa tajba tal-ħamrija fuq il-bażi ta' ħwejjeġ ta' taħt tal-qotton midfuna taħt l-art. [www.nrcs.usda.gov/wps/portal/nrcs/detail/or/soils/health/?cid=nrcseprd1470410]

***Oħloq ambjent stimulanti u familjari.*** Irranġa l-kamra/l-ispazju tal-laqgħa b'tali mod li kulħadd ikun jista' jisma' u jifhem sew lill-kelliem(a) u lill-parteċipanti l-oħra. Xi ideat huma:

- Uża mikrofoni sabiex kull parteċipanti ikun jista' jisma' lill-kelliem (partikolarment, meta jkunu fuq barra).
- Uża materjal viżiv sabiex kull parteċipant ikun jista' jara (jiġifieri tużax posters b'daqs tal-font żgħir, li jista' jkun viżibbli biss għal dawk fl-ewwel ringiela).
- Jekk tkunu fuq ġewwa: poġġi s-siġġijiet f'ċirku/nofs ċirku, biex kulħadd ikun jista' jara sew lill-parteċipanti l-oħra.
- Organizza "suq" bi stands/preżentaturi differenti biex in-nies ikunu jistgħu jimxu madwar il-post fi gruppi iżgħar.
- Aħseb dwar fejn se tagħmel id-diskussjonijiet, billi tikkunsidra li l-bdiewa għandhom tendenza li jkunu iktar komdi fl-għalqa jew fil-matmura, milli fi klassijiet akkademiċi.
- Ipprovi xi ħin għal introduzzjoni ċajtiera sabiex kulħadd iħossu iktar komdu fil-bidu tal-avveniment. Tista' ssib spirazzjoni fuq l-internet, pereżempju: www.thebalancecareers.com/top-ice-breakers-1918426 or https://www.icebreakers.ws/large-group



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 22 06/09/2022 15:23

## 3 | Uża varjetà ta' metodi ta' tagħlim

***Agħżel kombinament*** Jistgħu jintużaw diversi metodi ta' tagħlim matul avvenimenti ta' dimostrazzjoni, eż, posters, preżentazzjonijiet, esperimenti, diskussjonijiet, workshops, eċċ. Id-differenza bejn dawn il-metodi huwa l-livell ta' interazzjoni bejn id-dimostratur u l-parteċipanti u l-involviment attiv meħtieġ mill-bdiewa, u jappellaw għal stili ta' tagħlim differenti. Għal darb'oħra, l-għażla ta' liema kombinament ta' metodi ta' tagħlim qiegħed jintuża tiddependi fuq l-objettiv tal-ġurnata, u l-kompożizzjoni u d-daqs tal-grupp. Ħarsa ġenerali tal-metodi ta' tagħlim tista' tinstab fuq il-paġni 28-30.



***Adatta għal-livelli ta' għarfien u stili ta' tagħlim differenti fl-udjenza.*** Jekk ikun possibbli, ħu idea tal-livelli ta' għarfien tal-parteċipanti tiegħek bil-quddiem. Jekk le, ibda b'informazzjoni bażika għall-parteċipanti ġodda fuq il-post. Tipi ta' persuni li qed jitgħallmu tipiċi huma (**https://blog.prezi.com/the-four-different-types-of-learners-and-what-they-mean-to-your-presentations-infographic**):

- Persuni li qed jitgħallmu b'mod awditorju jippreferu jisimgħu l-informazzjoni. Spiss jitkellmu waħedhom waqt li jkunu qed jistudjaw jew jaħsbu. Dan jista' jiġi appoġġjat billi tistimula l-udjenza sabiex jirrepetu l-messaġġi ewlenin billi jgħiduhom bil-fomm, eż. billi tisaqsihom mistoqsijiet.
- Persuni li jitgħallmu b'mod viżiv jippreferu jaraw l-informazzjoni u jivviżwalizzaw ir-relazzjonijiet bejn l-ideat, pereżempju f'infografika, ċarts, skemi u kuluri.
- Persuni li jitgħallmu bil-qari/kitba jippreferu jaqraw jew jiktbu l-informazzjoni, f'fuljetti jew karti stampati.
- Persuni li jitgħallmu b'mod kinestetiku (fiżiku) jippreferu li attwalment iwettqu eżerċizzji u esperimenti b'mod prattiku.




***Figura 2.*** Tipi ta' persuni differenti li jitgħallmu u kif tikkunsidrahom matul dimostrazzjoni. (Sors: https://tutoringwithatwist.ca/vark-learning-styles/)

***Uża għodod edukazzjonali adattati.*** Għodod edukazzjonali huma kull tipi ta' materjali użati matul dimostrazzjoni sabiex jiffaċilitaw it-tagħlim (eż. karti stampati, vidjows, sistemi interattivi ta' votazzjoni elettronika), sabiex:

- Żid l-interazzjoni: pereżempju, bl-użu tas-sistemi ta' votazzjoni jew applikazzjonijiet interattivi (eż. **www.mentimeter.com jew https://kahoot.com**)
- Ivviżwalizza l-kontenut: eż. uri tagħmir użat fir-razzett, posters b'infografika li tinvolvik (kreaturi ta' infografika online mingħajr ħlas fuq **www.canva.com/create/info-graphics**, vidjows biex juru prattiki "tajbin" jew "ħżiena".
- Ipprovdi informazzjoni ta' appoġġ għall-avveniment tad-dimostrazzjoni: eż. fuljetti b'informazzjoni addizzjonali dwar ir-razzett ospitanti jew lista ta' persuni li jattendu. Eżempju ta' dan huma l-"farm walk booklets" (fuljetti dwar mixjiet fir-razzett) ippubblikati minn Teagasc (**www.teagasc.ie/rural-economy/organics/farm-walks**)
- Ipprovdi informazzjoni li jistgħu joħduha magħhom id-dar: eż, fuljetti b'informazzjoni prattika dwar l-innovazzjoni murija. Dan għandu importanza partikolari, peress li l-parteċipanti mhux dejjem ikollhom l-opportunità li jieħdu noti. Agħmel referenzi għall-paġna web, Instagram, Facebook jekk ikunu disponibbli.

### PARIR

Aħseb dwar kif tqassam materjali matul l-avveniment tad-dimostrazzjoni. Jekk jitqassmu matul il-preżentazzjonijiet, jistgħu jaljenaw lill-parteċipanti. Ftit minn din l-informazzjoni tista' wkoll tintbagħat minn qabel lill-parteċipanti.



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 23 06/09/2022 15:23



## AVVENIMENT TA’ DIMOSTRAZZJONI PROFESSJONALI U MEXXEJ

***Segwi “r-regola ta’ tlieta”.*** Ipprovdi tliet messaġġi li huma ripetuti tul l-avveniment tad-dimostrazzjoni u huma wkoll imqassra fl-aħħar, bħala messaġġi li l-parteċipanti għandhom jiftakruhom meta jmorru d-dar. Prattika tajba li wieħed għandu jiftakar hawnhekk hija “regola ta’ tlieta”. Dan il-prinċipju, spiss użat f’kampanji pubbliċitarji, jissuġġerixxi li l-formulazzjoni ta’ tliet messaġġi ewlenin hija iktar effettiva milli numru oħrajn.




***Figura 3.*** Uża r-regola ta’ tlieta biex tagħti l-messaġġi ewlenin tiegħek.

***Ara li jkollok faċilitatur tajjeb preżenti.*** Parteċipazzjoni attiva stimulanti spiss tkun nieqsa matul id-dimostrazzjonijiet, probabbilment minħabba n-nuqqas ta’ ħiliet ta’faċilitazzjoni tad-dimostrazzjonijiet. L-importanza ta’faċilitatur tajjeb mhix eżaġerata, peress li hu jew hi jkunu pivotali matul l-avveniment kollu, billi jiżguraw li kollox isir b’mod mexxej, jinvolvu lill-parteċipanti b’mod attiv fid-diskussjonijiet, u jiggwidawhom matul l-avveniment. Hu jew hi jistgħu wkoll jiġbru l-mistoqsijiet li joħorġu matul l-avveniment.

***Issalvagwardja ġestjoni tal-ħin tajba.*** M’hemm xejn iktar frustranti għall-parteċipanti milli li titlaq meta l-programm ikun għadu ma spiċċax jew tħoss li l-programm spiċċa f’daqqa. Kun żgur li taħtar xi ħadd biex iżomm il-ħin matul l-avveniment sabiex jgħin iżomm l-iskeda tal-ħin. Dan jista’ jkun xi ħadd mit-tim ta’ organizzazzjoni jew faċilitazzjoni, jew f’xi każijiet (eż. gruppi iżgħar) anke parteċipant.

***Ippjana għal affarijiet mhux mistennija.*** Xi affarijiet mhux mistennija dejjem jistgħu jseħħu, u huwa rakommandabbli li taħseb bil-quddiem u tkun lest għall-affarijiet mhux mistennija. Eżempji huma tbassir ta’ maltemp, id-daqs tal-gruppi huwa kbir wisq jew żgħir wisq, il-kompożizzjoni tal-grupp tkun differenti minn dak li hu mistenni (eż. ftit bdiewa attivi), problemi bit-tagħmir, problemi bi provi fuq il-post, eċċ. Pereżempju, meta jkun hemm tbassir ta’ maltemp id-dimostrazzjoni tista’ tiġi posposta, jew it-twaqqif ta’ preżentazzjonijiet, vidjows, dimostrazzjoni jew diskussjoni fuq ġewwa jistgħu jiġu ppjanati bħala alternattiva.



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 24 06/09/2022 15:23



# 6

# Evalwazzjoni u segwitu



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 25 06/09/2022 15:23

## TWAQQIF TAL-EVALWAZZJONI U IMPATT TAL-AVVENIMENT TIEGĦEK

L-evalwazzjoni tal-avveniment tiegħek jgħin biex itejjeb l-organizzazzjoni ta' avvenimenti futuri. Huwa importanti li tgħaqqad l-evalwazzjoni mal-objettiv tal-avveniment: Jekk l-objettiv kien netwerking, ikun utli li tiffoka fuq jekk il-parteċipanti setgħux jespandu n-netwerk tagħhom. Jekk l-objettiv kien adozzjoni tal-innovazzjoni, l-organizzazzjoni jridu jimmonitorjaw l-inklinazzjoni tal-parteċipant biex jadotta l-innovazzjoni murija fid-dimostrazzjoni.

Tista' tinġabar feedback dwar it-twaqqif (programm, postijiet, faċilitajiet, suġġett, ...) u l-organizzazzjoni tad-dimostrazzjoni, iżda wkoll dwar x'tgħallmu l-parteċipanti, u x'jaħsbu li huwa applikabbli għar-razzett tagħhom:

**Terminu iqsar:**

*"X'jieħdu magħhom id-dar il-viżitaturi?"*

- Informazzjoni dwar għaliex (motivazzjoni, sensibilizzazzjoni maħluqa): il-parteċipanti huma konxji li hemm problemi jew sfidi speċifiċi u/jew li opzjonijiet ġodda huma disponibbli u jistgħu jkunu meħtieġa fil-futur
- Informazzjoni dwar xiex (is-suġġett tad-dimostrazzjoni): il-parteċipnti huma informati dwar novitajiet speċifiċi (prattiki ġodda, materjali, varjetajiet, makkinarju, eċċ.)
- Informazzjoni dwar kif: il-parteċipanti jistgħu jgħaqqdu l-informazzjoni l-ġdida mal-prattika tagħhom stess u jistgħu jivvalutaw il-possibbiltajiet biex jimplimentawhom fuq ir-razzett tagħhom stess.

**Terminu itwal:**

*"X'jagħmlu l-viżitaturi b'dak li ħadu magħhom id-dar?"*

Dan l-impatt rari jiġi mid-dimostrazzjoni biss, u huwa inqas faċli biex jiġi evalwat, minħabba li jkun għadda l-ħin. Hemm bżonn il-ħin biex il-parteċipanti jagħmlu bidliet attwali fil-prattika tal-biedja tagħhom, peress li jista' jkun hemm bżonn investimenti finanzjarji, ħiliet ġodda u għarfien, u aġġustament mill-ġdid fir-rutina tas-soltu u l-mentalità tal-bidwi. Id-deċiżjoni attwali għal bidla hija wkoll mhux influwenzata mill-avveniment tad-dimostrazzjoni, iżda tinkludi firxa wiesgħa ta' sorsi ta' informazzjoni oħra, bħal pubblikazzjonijiet fl-istampa (agrikola), avvenimenti ta' dimostrazzjoni ta' segwitu, workshops, bulettini, kuntratti ma' konsulenti, bdiewa oħra, eċċ.

Tista' tagħmel l-evalwazzjoni b'modi differenti, bħal:

- Taħditiet informali mal-parteċipanti matul l-avveniment tad-dimostrazzjoni
- Feedback faċilitat tal-parteċipanti matul l-avveniment tad-dimostrazzjoni, permezz ta' formoli jew fuq il-bażi ta' diskussjonijiet
- Formoli ta' evalwazzjoni mibgħuta lill-parteċipanti wara. Ir-riskju tal-exit polls huwa li spiss jimtlew malajr wisq meta n-nies ikunu mgħaġġlin biex jitkellmu ma' nies oħra jew biex imorru d-dar.
- Emails jew telefonati ta' segwitu. Jekk trid tivvaluta impatt, tista' tistenna ftit ġimgħat jew anke xhur għal telefonata ta' segwitu.
- Formoli ta' evalwazzjoni għal organizzaturi ta' dimostrazzjoijiet, li għandhom jimtlew matul l-avveniment tad-dimostrazzjoni

Azzjoni fuq l-evalwazzjoni hija importanti biex tittejjeb dimostrazzjoni futura fir-razzett. Għalhekk, ladarba tkun inġabret evalwazzjoni jeħtieġ li tiġi kondiviża u t-titjib għal attivitjiet futuri għandu jiġi implimentat.

### PARIRI

Uża bies ftit mistoqsijiet rilevanti. Kwestjonarju b'ħafna mistoqsijiet se jkun iktar diffiċli biex jimlewh in-nies.

Iktar probabbli li jkollok suċċess tiġbor feedback dakinhar, milli wara permezz ta' email.

Dan il-vidjow juri kif l-evalwazzjoni tal-avveniment mill-parteċipanti hija inkluża fil-programm tal-avveniment tad-dimostrazzjoni.
[www.youtube.com/watch?v=Bfkkuhb-J9OI&feature=youtu.be](www.youtube.com/watch?v=Bfkkuhb-J9OI&feature=youtu.be)



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 26 06/09/2022 15:23

## ATTIVITAJIET TA' SEGWITU

"Segwitu" tirreferi għall-iżvilupp ulterjuri u t-tqassim tal-kontenut tad-dimostrazzjoni, wara li l-avveniment jispiċċa, sabiex jiżdied l-impatt tiegħu. Għalkemm l-attivitajiet ta' segwitu jseħħu wara l-avveniment, huwa importanti li jiġu mħabbra jew diskussi mal-parteċipanti matul l-avveniment tad-dimostrazzjoni.

L-attivitajiet ta' segwitu jistgħu jkunu formali, bħal avvenimenti tad-dimostrazzjoni organizzati ta' segwitu. Segwitu informali jista' jinkludi kuntatt bit-telefown bejn il-parteċipanti, id-dimostratur jew il-bdiewa parteċipanti li jitkellmu mal-ġirien tagħhom.



Dan il-vidjow juri l-benefiċċji ta' pjattaforma għall-iskambju ta' għarfien dwar varjetajiet organiċi, u r-rwol li jista' jkollhom f'dan l-avvenimenti tad-dimostrazzjoni.

**www.youtube.com/watch?v=oQMa_m6-eKI&feature=youtu.be**

Attivitajiet ta' segwitu tajbin għall-parteċipanti jinkludu:

- Aqsam il-lista ta' parteċipanti, b'kunsens mill-parteċipanti (skont ir-regoli ta' privatezza tal-GDPR Ewropej).
- Aqsam dettalji ta' kuntatt mill-bidwi ospitanti jew dimostraturi oħra għall-parteċipanti li huma interessati biex jitgħallmu iktar jew jimplimentaw prattika fir-razzett tagħhom.
- Ipprovdi fuljetti ta' informazzjoni lill-parteċipanti.
- Oħloq pjattaforma online, gruppi ta' midja soċjali (eż. WhatsApp), blogs jew netwerks fiżiċi fejn il-prattikanti jistgħu jirrappurtaw l-esperjenzi tagħhom ma' bdiewa interessati oħrajn.
- Ipprovdi bulettin jew oħloq sit web fejn il-parteċipanti jiġu infurmati dwar għarfien u żviluppi ulterjuri dwar is-suġġett tad-dimostrazzjoni.
- Ipprovdi appoġġ (fi gruppi) għal dawk il-parteċipanti interessati li jippjanaw li jimplimentaw il-prattiki jew innovazzjonijiet.

Attivitajiet tajbin ta' segwitu għall-persuni li ma pparteċipawx fl-avveniment tad-dimostrazzjoni jinkludu:

- Ipprovdi rapport jew vidjow online tal-avveniment tad-dimostrazzjoni. Jekk il-vidjow huwa attraenti, jista' jattira wkoll bdiewa oħra biex jipparteċipaw f'avvenimenti ta' dimostrazzjoni futuri.
- Uża sorsi tal-midja differenti (midja soċjali, blogs, paġni web, stampa miktuba, radju, eċċ.) biex tirrapporta dwar l-avveniment.
- Irrilaxxa artikoli tal-istampa għal bdiewa fl-istampa agrikola, u pprovdi fuljetti li jistgħu jiġu mqassma fost il-bdiewa u l-konsulenti. Huwa rakkomandabbli li ġġib ġurnalisti fl-avveniment, u ddedika sessjoni speċifika lill-ġurnalisti, biex tiżgura li dawn ixerrdu l-messaġġ it-tajjeb fl-artikoli jew l-aħbarijiet tagħhom.
- Għal provi fuq terminu itwal fir-razzett ospitanti, il-provi jistgħu jsiru aċċessibbli pubblikament, sabiex il-bdiewa lokali jkunu liberi li jiġu u jaraw l-progress tal-prova mingħajr l-avvenimenti tad-dimostrazzjoni.



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 27 06/09/2022 15:23

**Ħarsa ġenerali lejn il-metodi varji ta' tagħlim. Iktar informazzjoni tista' tinstab ukoll fuq trainingkit.farmdemo.eu**

| METODU | UTLI GĦALL-FINIJIET TA' / FIS-SITWAZZJONI TAD-DIMOSTRAZZJONI | PUNTI LI GĦANDHOM JIĠU KKUNSIDRATI / PREREKWIŻITI | EŻEMPJU TA' PRATTIKI TAJBA |
|---|---|---|---|
| **Webinar** | • Biex tilħaq firxa wiesgħa ta' nies li ma jistgħux jattendu l-avveniment tad-dimostrazzjoni fiżikament. | • Ikkunsidra bir-reqqa l-objettiv u l-udjenza fil-mira<br>• Ara tutorials dwar webinars | • https://www.wiley.com/network/researchers/promoting-your-article/so-you-want-to-create-a-webinar-six-tips-for-success<br>• Kif tagħmel webinar bil-Powerpoint: https://www.youtube.com/watch?v=Atzswy5VhFI<br>• Taħriġ mingħajr ħlas dwar kif tagħmel webinars:<br>• https://webinarsthatwork.net/free-webinar<br>• https://www.youtube.com/watch?v=xsXe5upL_d8 |
| **Pannell ta' informazzjoni, stands, kartelluni** | • Il-viżitaturi jistgħu jawtoindirizzaw il-ġabra ta' informzzjoni tagħhom stess , billi jaqraw l-istands tal-informazzjoni kollha indipendentement bil-pass tagħhhom stess<br>• Fi strixxi multipli tat-testijiet, kartellun jista' jiddeskrivi fil-qosor kull trattament u jsemmi min jista' jiġu kkuntattjat għal iktar informazzjoni<br>• Jistgħu jintużaw ukoll sinjali u/jew posters biex jidderieġu lill-bdiewa lejn il-post tad-dimostrazzjoni. | • Informzzjoni limitata tista' tingħata lill-viżitaturi<br>• Ebda possibilitajiet għal interazzjoni<br>• Agħmel kartellun sempliċi, attraenti u li faċli jinqara<br>• Hemm bżonn li jintlaħqu l-livelli tal-litteriżmu viżiv tal-bdiewa li josservaw id-dimostrazzjoni<br>• Ipprovdi gwida u spjegazzjoni fil-pannelli jew l-istands tal-informazzjoni. | • https://www.youtube.com/watch?v=AwMFhyH7_5g |
| **Lecture jew preżentazzjoni fil-klassi** | • Biex tintroduċi s-suġġett u l-kuntest lil grupp iktar kbir li hu possibbli li tospitah faċilment fir-razzett.<br>• Biex tippreżenta konklużjonijiet ċari u messaġġi li jistgħu jibqgħu jiftakruhom.<br>• Biex turi ritratti/vidjows meta l-preżentazzjoni diretta ma tkunx possibbli. | • Preżentazzjonijiet teoretiċi jew minn fuq għal isfel jirriskjaw li l-parteċipanti jibqgħu distanti mis-suġġett u mhux involuti<br>• Nuqqas ta' involviment u interattività tal-bdiewa jista' jikkompeti mad-dimostrazzjoni barra (jekk ikun parti minn avveniment ikbar)<br>• Link għall-prattika u r-razzett tad-dimostrazzjoni matul il-preżentazzjoni<br>• Żomm il-preżentazzjonijiet qosra (massimu ta' 20 minuta)<br>• Aħseb mill-perspettiva tal-udjenza fil-mira tiegħek meta tipprepara l-preżentazzjoni<br>• Mhux sew li tirreċikla l-aħħar preżentazzjoni li tajt f'konferenza (xjentifika)! | • https://thefloorisyours.be/en/<br>• https://blog.polleverywhere.com/presentation-advice/<br>• https://www.iowalearningfarms.org/content/field-day-toolkit, p. 30-31 |
| **Rakkuntar tal-istejjer** | • Jippermetti lill-parteċipanti jiftakru aħjar il-messaġġi ewlenin<br>• Meta jkollok utent entużjastiku jew xi ħadd biex itwettaq il-prattika li trid turi<br>• Jgħaqqad it-teorija mal-prattika<br>• L-iskambju mal-prattikanti li diġà implimentaw ċerta teknika jew approċċ innovattiv spiss jinvolvi lill-parteċipanti u jistimula l-ħsibijiet tagħhom<br>• L-aneddoti jgħinu sabiex il-parteċipanti jiftakru l-kontenut | • Min jirrakkonta l-istejjer irid ikun jaf jgħid storja b'mod enerġetiku u jiħmuh in-nies.<br>• Aħseb sew dwar fejn tqiegħed ir-rakkuntar tal-istejjer fid-dimostrazzjoni; eż. fil-bidu biex tqajjem interess jew fin-nofs biex tagħti eżempju | • https://www.youtube.com/watch?v=yhQxwnT11Tw<br>• https://www.youtube.com/watch?v=i68a6M5FFBc |
| **Mistoqsijiet u Tweġibiet** | • Importanti li jiddaħħlu fl-iskeda wara slots ta' komunikazzjoni minn naħa waħda biss<br>• Biex tgħin sabiex l-informazzjoni rċevuta tiġi assorbita | • Inkoraġġiment u medjazzjoni tal-mistoqsijiet, kulħadd ikollu ċans jitkellem (rwol tal-faċilitatur)<br>• Ippjana biżżejjed ħin<br>• Irrepeti l-mistoqsijiet billi tuża mikrofonu biex tiżgura li l-parteċipanti kollha jkunu jistgħu jisimgħu<br>• Kun ċar dwar kemm jistgħu jittieħdu mistoqsijiet / kemm hemm ħin<br>• Żomm it-tweġibiet qosra u preċiżi, biex ikollok ħin għal diversi mistoqsijiet<br>• Itlob lill-parteċipanti jippreparaw il-mistoqsijiet minn qabel | • Eżempji ta' mistoqsijiet ta' attivazzjoni: https://www.iowalearningfarms.org/content/field-day-toolkit, p. 20-21<br>• https://www.youtube.com/watch?v=P2lgW_SXnEQ |



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 28 06/09/2022 15:23

| METODU | UTLI GĦALL-FINIJIET TA' / FIS-SITWAZZJONI TAD-DIMOSTRAZZJONI | PUNTI LI GĦANDHOM JIĠU KKUNSIDRATI / PREREKWIŻITI | EŻEMPJU TA' PRATTIKI TAJBA |
|---|---|---|---|
| **Diskussjonijiet interattivi faċilitajiet bejn id-dimostraturi u l-parteċipanti jew bejn il-parteċipanti** | • Biex jgħinu sabiex tiġi assorbita l-informazzjoni li jisimgħu<br>• Twassal għal riflessjoni mill-bdiewa viżitaturi dwar kif l-innovazzjonijiet murija japplikaw għar-razzett tagħhom stess.<br>• tista' tintuża biex wieħed jirrfletti fuqha u jgħaqqad ma' preżentazzjonijiet ta' qabel<br>• Biex ikun hemm iktar għarfien u fehim dwar suġġett partikolari<br>• Taħdem sew fi gruppi żgħar kif ukoll fi gruppi kbar | • Ara l-gwidi tal-faċilitazzjoni<br>• Ipprepara mistoqsijiet ta' attivazzjoni għall-grupp minn qabel<br>• Attiva d-diskussjoni billi tibda b'mistoqsija sempliċi, eż. poll li jista' jirrispondieh kulħadd<br>• Itlob lill-parteċipanti jintroduċu lilhom infushom<br>• Il-parteċipanti li diġà huma familjari mas-suġġett jew l-innovazzjoni jistgħu jibdew id-diskussjoni u jinkoraġixxu lill-parteċipanti mingħajr esperjenza biex jinvolvu ruħhom fid-diskussjoni wkoll. Jista' jkun interessanti/neċessarju li wieħed jiżgura li xi bdiewa esperjenzati jkunu preżenti.<br>• Ħiliet tajbin ta' smigħ u faċilitazzjoni huma meħtieġa: kitba mill-ġdid, sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin<br>• Aqsam gruppi kbar fi gruppi iżgħar<br>• Ħiliet tajbin ta' smigħ u faċilitazzjoni huma meħtieġa: kitba mill-ġdid, sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin | • Eżempji ta' mistoqsijiet ta' attivazzjoni: https://www.iowalearningfarms.org/content/field-day-toolkit, p. 20-21 |
| **Mixja fl-Għalqa/fir-Razzett** | | • Xi ospiti ma jiħdux pjaċir jekk il-parteċipanti jimxu liberament madwar ir-razzett.<br>• Jistgħu jkunu inaċċessibbli jew jimpedixxu lill-parteċipanti b'diżabbiltà jew immobbli milli jinvolvu ruħhom.<br>• Preżenza tal-ospiti matul il-mixja fl-għelieqa biex jipprovdu gwida, spjegazzjoni u tweġibiet għall-mistoqsijiet<br>• Ippermetti biżżejjed ħin biex issir bidla bejn il-posts<br>• Ikkunsidra l-aspetti kollha tas-saħħa u s-sigurtà fuq mixja fir-razzett/trasport (bi trejler), u wettaq valutazzjoni tar-riskju qabel l-avveniment tad-dimostrazzjoni | • Ċaqlaq in-nies fuq trejler, meta għalqa jew partijiet tar-razzett ma jkunux aċċessibbli faċilment għall-parteċipanti b'diżabbiltà. |
| **Eżempju prattiku muri mid-dimostratur** | • Biex turi l-kontenut u s-suġġett tat-tagħlim<br>• Biex tagħmel il-preżentazzjoni divertenti u tiġbed l-attenzjoni<br>• Jaħdem sew meta kkombinat ma' mixja fl-għalqa u forom ta' preżentazzjonijiet oħra | • Uża modi faċli iżda sorprendenti biex tispjega l-messaġġ tiegħek<br>• Kun żgur li tinvolvi l-grupp kollu<br>• Ikkunsidra d-daqs tal-grupp: kulħadd għandu jkun jista' jara l-eżempju prattiku. | • Għodod sempliċi biex tiġi ttestjata l-kwalità tal-ħamrija: https://www.youtube.com/watch?v=9VWMoDiJDm4&feature=youtu.be<br>• Slake test biex tiġi vviżwalizzata l-istabbiltà strutturali tal-ħamrija (bil-Franċiż); https://www.youtube.com/watch?v=pRaN6SLUPuk&feature=youtu.be |
| **Preżentazzjoni multi sensorjali għal esperjenzi iktar intensi** | • Jappoġġja li l-parteċipanti jibqgħu jiftakru l-prattika u t-tagħlim jiġi ankrat<br>• Jaħdem sew meta kkombinat ma' mixja fl-għalqa u forom ta' preżentazzjonijiet oħra | • Kun żgur li jingħata biżżejjed ħin<br>• Inkludi l-esperjenza fil-preżentazzjoni tiegħek, eż. billi tistaqsi dwarha: "Kif tinxtamm għalik?" "Kif tiddeskrivi s-sensazzjoni ta'…?" | • Eżempju:<br>  • Miss u investiga l-art wara li jkunu għaddew il-magni li jneħħu l-ħaxix ħażin<br>  • Isma' lin-naħal fil-kwiet fiż-żona tal-bafer f'għalqa,<br>  • Duq ħobż imsajjar bid-dqiq prodott mir-razzett, biex tippermetti lill-parteċipanti jiksbu apprezzament tal-kwalità tal-esperjenza tal-magna tat-tħawwil produceloF2020 3d<br>• Dimostrazzjoni tat-test tal-pala għall-analiżi tal-kwalità tal-ħamrija: https://www.youtube.com/watch?v=f-kigHj3vbw<br>• dimostrazzjoni dwar il-koltivazzjoni tal-legumi tispjega kif il-bidwi dimostratur inkluda l-esperjenza fid-dimostrazzjoni tiegħu: https://www.youtube.com/watch?v=10E_13d85-I&feature=youtu.be |



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 29 06/09/2022 15:23

| METODU | UTLI GĦALL-FINIJIET TA' / FIS-SITWAZZJONI TAD-DIMOSTRAZZJONI | PUNTI LI GĦANDHOM JIĠU KKUNSIDRATI / PREREKWIŻITI | EŻEMPJU TA' PRATTIKI TAJBA |
|---|---|---|---|
| **Eżerċizzji li jagħtu lill-viżitaturi Esperjenzi prattiċi** | • Tagħlim b'azzjoni jippermetti lill-parteċipanti joħorġu bis-soluzzjoni huma stess<br>• Tappoġġja li l-parteċipanti jibqgħu jiftakru l-prattika u t-tagħlim jiġi ankrat<br>• tappoġġja l-maestrija tal-ħiliet mill-parteċipanti | • Mhuwiex fattibbli għal kull suġġett, pereżempju, meta l-liċenzji jkunu meħtieġa użaw tagħmir, jew minħabba miżuri tal-bijosigurtà<br>• Kun żgur li jiġi ppjanat biżżejjed ħin fl-iskeda tal-avveniment tad-dimostrazzjoni. | • Ilbes ħwejjeġ protettivi matul l-applikazzjonijiet tal-kontroll tal-pesti<br>• Ġib il-magni tal-isprejjar tiegħek stess biex tikkalibrahom<br>• Dimostrazzjoni tat-test tal-pala għall-analiżi tal-kwalità tal-ħamrija https://www.youtube.com/watch?v=f-kigHj3vbw |
| **Workshops** | • Għal diskussjoni fil-fond u fokus fuq suġġett speċifiku<br>• Biex japplikaw l-esperjenza preżentata għas-sitwazzoni tar-razzett tagħhom stess<br>• Jista' jintuża output għad-dokumentazzjoni | • Jeħtieġ mill-inqas siegħa fil-kamra jew madwar mejda fuq barra<br>• Jeħtieġ faċilitajiet biex jiġu nnotati l-punti ewlenin tad-diskussjoni / riżultati tal-inkjesta ffukata (Eż. ipprovdi mudelli).<br>• Ifformula l-għan tal-workshop bir-reqqa (irid ikun fattibbli fil-ħin disponibbli) u x'riżultat huwa mistenni<br>• Viżitaturi li jistennew żjara fl-għalqa jistgħu ma jħajjarhomx workshop li jinvolvi karti u kitba (evita dan billi tħabbru fl-istedina); jista' jikkompeti mad-dimostrazzjonijiet<br>• Ikkunsidra preferenzi differenti ta' viżitaturi għall-metodi applikati<br>• Il-grupp għandu jinqasam fi gruppi żgħar ta' madwar 3-7 persuni<br>• Ara l-gwidi tal-workshops jew faċilitazzjoni | • Gwida possibbli għal faċilitazzjoni ta' workshop: https://www.seedsforchange.org.uk/shortfacilitatingworkshops |
| **Ikel, xorb, trasport, eċċ li jagħti ħin għal skambju (informali) bejn il-parteċipanti** | • Possibbiltà li titkellem liberament rigward kwalunkwe fallimenti jew tħassib fil-prattiki tal-biedja innovattivi murija fid-dimostrazzjoni, biex tippermetti tagħlim reċiproku produttiv ibbażat fuq l-esperjenza<br>• Matul il-parti informali (ikel u xorb) tal-avveniment tad-dimostrazzjoni, jew meta jkun hemm ċaqliq bejn il-posts<br>• Biex jirriflettu dwar preżentazzjonijiet mogħtija qabel<br>• Biex jassorbu l-informazzjoni preżentata | • Ippermetti biżżejjed spazju u ħin sabiex ikun jista' jsir skambju informali<br>• Sponsorizzazzjoni ta' ikel/xorb/trasport | • Isir xorta jekk ikun hemm ħin; inkoraġixxi billi tħalli spazju fil-programm għal dan l-iskambju informali, u offri ikel/xorb lill-parteċipanti |



01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 30 06/09/2022 15:23

01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 31 06/09/2022 15:23

Din il-gwida hija r-riżultat ta' kollaborazzjoni b'saħħitha bejn it-3 proġetti ta' FarmDemo. Dawn il-proġetti rċevew finanzjament mill-programm ta' riċerka u innovazzjoni tal-Unjoni Ewropea Orizzont 2020 taħt il-ftehimiet ta' għoti N°727388 (PLAID), N°728061 (Agridemo-F2F), u N°772705 (NEFERTITI).

IKTAR GĦODDA FUQ

**trainingkit.farmdemo.eu**

01_Design_guide_for_on-farm_demonstrations_MT.indd 32 06/09/2022 15:23